*Jekk il-ġudizzju għandux jiġi trasfuż f'isem il-werrieta kollha tal-konvenuta li tmut waqt is-smigħ tal-kawża dwar debitu li dwaru l-werrieta kollha għajr waħda ttransiġew mal-atturi .*
*universitas iuris u universitas facti – differenza bejniethom.*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 10 ta' Jannar 2023

## Rikors Nru. 268/2020 GM

## Angelo (ID 343746M) u Maria sive Gracie (ID 303553M) konjuġi Cini

## vs

## Maria Concetta Farrugia (lD 0653329M)

## PROVVEDIMENT DWAR TRASFUŻJONI TAL-ĠUDIZZJU

## Il-Qorti:

## L-isfond:

Permezz ta' att ta' bejgħ tal-31 ta' Mejju 1975 Giuseppe Farrugia biegħ tromba ta' taraġ u garaxx imissu ma' xulxin fi Triq San Tumas, il-Fgura, lil Angelo Cini. Giuseppe Farrugia miet fis-7 ta' Settembru 2009 u skont it-testmenti li għamel wirtitu martu Maria Concetta Farrugia. Żmien wara l-bejgħ, porzjon sostanzjali tal-beni mibjugħa rriżultat li hija proprjeta` tal-Gvern. Angelo Cini u martu Maria Cini permezz ta' din il-kawża ħarrku lil Maria Concetta Farrugia biex tħallas id-danni konsegwenzjali għall-garanzija tal-paċifiku pussess. Maria Concetta Farrugia mietet fis-6 ta' Ġunju 2021, fil-mori tal-kawża, u skont testment tagħha wirtuha l-ħamest uliedha Carmelo, Maria Stella Micallef, Rita Law, Joseph, u l-attriċi Maria Cini f'ishma ndaqs bejniethom.

Id-danni reklamati mill-atturi huma dejn li jgħaddi fuq il-werrieta:

> All'erede si trasmettono anche le posizioni passive del defunto, e cioe`… la garanzia per evizione…[1]

L-atturi ttransiġew mal-werrieta Carmelo, Maria Stella u Joseph għar-rigward tal-kwota rispettiva ta' kwint (1/5) kull wieħed. Għalhekk talbu t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Rita Law bħala eredi limitatament għall-1/5 tad-dejn mertu ta' din il-kawża.[2] Rita Law wieġbet li (i) t-trasfużjoni tal-ġudizzju trid issir f'isem il-ħamest aħwa kollha billi l-wirt għadu mhuwiex likwidat u maqsum u (ii) billi l-attriċi hi waħda mill-werrieta u ma tistax tkun attriċi u konvenuta, għandu jinħatar kuratur għall-veste tagħha ta' eredi. (iii) Ma japplikax l-Art. 495(3) tal-Kodiċi Ċivili (il-

[1] C Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol 2.2 Le Successioni 5a ediz. (2015) para 94, paġna 154.
[2] Rikors a fol 416.

Qorti tifhem li għaliex m'għaddewx tliet snin mill-mewt ta' Maria Concetta Farrugia). (iv) Għamlet riferenza għal digriet tat-13 t'Awwissu 2002 minn din il-Qorti diversament ippreseduta f'dan is-sens f'kawża b'sitwazzjoni simili *Shires v Bonello.*[3]

L-abbli avukati difensuri tal-partijiet ittrattaw verbalment il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom waqt is-seduta tal-20 t'Ottubru 2022.[4]

Ikkunsidrat:

**Natura ġuridika tal-wirt:**

Skont teorija mifruxa fil-ġurisprudenza tagħna, misluta minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, l-oġġett tal-wirt huwa universalita` ta' dritt (*universitas iuris*). Il-wirt mhux meqjus bħala ġabra ta' beni individwali, imma unita` astratta, bl-attiv u bil-passiv, li teżisti saħansitra meta l-passiv jegħleb l-attiv. Meta jkun hemm iktar minn werriet wieħed, kull eredi jkollu sehem mhux maqsum fil-wirt, u mhux sehem f'kull ħaġa li jkun hemm fil-wirt. Per eżempju, jekk ikun hemm żewġ werrieta u wirt konsistenti fi tlett idjar, l-ebda werriet ma jkollu nofs indiviż minn kull dar. Għalhekk jingħad, fil-ġurisprudenza tagħna, li ma jistax ibiegħ sehmu ta' nofs indiviż minn xi dar partikolari. Irid jistenna li ssir il-qasma biex, kif sewwa jingħad

[3] Risposta ta' Rita Law a fol 426.
[4] Fol 471 et seq.

li b'ilsien il-poplu, "ikun jaf fejn hu tiegħu". Jekk jitrasferixxi xi sehem minn ġid partikolari qabel il-qasma, u fil-qasma dak il-ġid ma jiġix assenjat lilu, it-trasferiment ma jiswiex. Tant hu hekk li sabiex jiffaċilita l-qsim ta' proprjeta` li ġejja minn wirt, il-leġislatur daħħal l-Art. 495(3) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li f'ċerti ċirkostanzi wara 3 snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni fin-nuqqas ta' diviżjoni "kull wieħed mill-komproprjetarji (*sic*) għandu jitqies li jkun komproprjetarju ta' kull ħaġa f'dik il-proprjeta` hekk miżmuma in komun".

Din it-teorija tinstab ukoll diffuża fid-dottrina Taljana, għalkemm mhux mingħajr kritika minn ċerti kittieba tal-liġi li t-teorija ġiet imġebbda ż-żejjed. Hemm tikkompetilha wkoll it-teorija, mhux daqstant b'saħħitha, li l-wirt huwa t-totalita` tal-beni tad-*decujus* (*universitas facti*). Intant it-teorija tal-*universitas iuris* hija hekk spjegata minn **Coviello**:

> L'eredita` non consiste in una somma o aggregato di singoli beni, ma e` l'unita` intellettuale, astratta del patrimonio, il quale comprende in se` tutti i vari rapporti giuridici, anche eventuali, appartenenti ad una persona ed abbraccia tanto il passivo che l'attivo, e si ha eredita` anche quando il passivo supera l'attivo. Si parla percio` di *universitas juris*, che differisce dall'*universitas facti* in quanto questa consiste in una pluralita` di cose raggruppate insieme per l'identita` dello scopo economico (gregge, biblioteca, ecc.) mentre *nell'universitas iuris* tutti i rapporti patrimoniali, benche` d'indole svariata, vengono idealmente unificati per la persona del soggetto che ne era titolare.[5]

**Djun tal-wirt:**

[5] N. Coviello, Delle Successioni, 4ed. Rifatta da L. Coviello, Napoli 1935, 3.

Il-leġislatur iżda b'mod espress ħoloq eċċezzjoni jew aħjar limitazzjoni importanti għat-teorija tal-*universitas facti* fejn jidħlu d-djun tal-eredita`, u dan kemm fir-relazzjonijiet interni bejn il-werrieta kif ukoll fir-relazzjonijiet esterni mal-kredituri tal-wirt. Għall-konvenjenza ta' espożizzjoni l-Qorti qiegħdha ġġib kemm id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Malti kif ukoll dak tal-Codice Civile Taljan viġenti (1942):

> 939 (1) Il-werrieta jħallsu bejniethom id-djun tal-wirt f'dik il-proporzjon u b'dak il-mod li jkun ordna t-testatur.
>
> (2) Jekk il-mejjet ma jkunx għamel testment jew ma jkunx ordna kif għandhom jitqassmu d-djun, il-werrieta jħallsu d-djun kull wieħed minnhom fil-proporzjon ta' sehmu fil-wirt.
>
> 752 **Ripartizione dei debiti ereditari tra gli eredi.** I coeredi contribuiscono tra loro al pagamento dei debiti e pesi ereditari in proporzione delle loro quote ereditarie, salvo che il testatore abbia altrimenti disposto.
>
> 940 (1) Fil-każijiet kollha, quddiem il-kredituri, kull wieħed mill-werrieta hu obbligat personalment għad-djun tal-wirt, skont ma jkun sehmu.
>
> (2) Iżda, jekk wieħed mill-werrieta jkollu pussess ta' ħwejjeġ ipotekati għad-dejn, huwa jkun, kwantu għal dawk il-ħwejjeġ, obbligat għad-dejn kollu, bla ħsara li jdur kontra l-werrieta l-oħra.
>
> 754 **Pagamento dei debiti e rivalsa.** Gli eredi sono tenuti verso i creditori al pagamento dei debiti e pesi ereditari personalmente in proporzione della loro quota ereditaria e ipotecariamente per l'intero. Il coerede che ha pagato oltre la parte da lui incombente puo ripetere dagli altri coeredi soltanto la parte per cui essi devono contribuire a norma dell'articolo 752, quantununque si sia fatto surrogare dei diritti dei creditori.
>
> Il coerede conserva la facolta` di chiedere il pagamento del credito a lui personale e garantito da ipoteca, non diversamente da ogni altro creditore, detratta la parte che deve sopportare come coerede.

Il-**Bianca** jikkummenta li:

> La divisione dei debiti ereditari tra gli eredi e` espressamente sancita dalla norma, ai sensi della quale gli eredi sono tenuti 'verso i creditori' al pagamento dei debiti e pesi ereditari

> personalmente in proporzione della loro quota ereditaria e ipotecariamente per l'intero (754 c.c.).
>
> A fronte del dettato della norma, che recepisce l'antica regola romana, e` difficile sostenere che gli eredi siano tenuti in solido al pagamento dei debiti ereditari. La circostanza che l'asse ereditario sia temporaneamente in regime di comunione indivisa non implica che debbano essere comuni anche i debiti. Il **regime della comunione non si estende ai debiti**[6] in quanto non si tratta di beni suscettibili di appartenenza e di godimento comune, ma di posizioni soggettive che implicano la responsabilita` personale.[7]

Dan skont il-prinċipju romanistiku *nomina et debita hereditaria ipso iure dividuntur*.

Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana f'diversi sentenzi saħqet li **d-djun qatt ma jidħlu fil-komunjoni tal-wirt,** imma jinqasmu minnufih mal-ftuħ tas-suċċessjoni fost il-werrieta:

> I debiti del *de cuius*, a differenza dei crediti, **non entrano in comunione**, ma si ripartiscono automaticamente tra i coeredi in proporzione delle rispettive quote.[8]

**Preżenza tal-werrieta kollha fil-kawża:**

Il-Qorti tal-Kassazzjoni tikkonkludi li **din il-qasma awtomatika tad-djun fid-dritt sostantiv tneħħi l-ħtieġa, mil-lat proċedurali, li l-wirt inkella l-werrieta kollha jiddaħħlu bħala konvenuti f'kawżi dwar l-istess djun**:

> In caso di successione *mortis causa* di piu` eredi nel lato passivo del rapporto obbligatorio si determina fra gli aventi causa **un frazionamento *pro quota* dell'originario debito del *de cuius***, con la conseguenza che **il rapporto che ne deriva non e` unico ed inscindibile** e **non si determina**, nell'ipotesi di giudizio instaurato per il pagamento, **litisconsorzio necessario** tra gli eredi del debitore defunto.[9]

---

[6] L-enfasi hija ta' din il-Qorti.

[7] C Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol 2.2 Le Successioni 5a ediz. (2015) para 95, paġna 156.

[8] C 00/562; C 05/13953.

[9] Cassazione Sez. II, 27.01.1998, n. 785. Iċċitata minn G. Bonilini u M Confortini Codice Commentato delle Successioni e Donazioni 2a ediz. (2011) kumment għall-Art. 752 tal-Kodiċi Ċivili Taljan.

Jekk din il-Qorti fehmitu sewwa, l-abbli avukat difensur ta' Rita Law jidher li jirrikonoxxi dan l-istat tal-liġi fil-konfront ta' kredituri barranin, iżda mhux ukoll meta l-kreditur ikun ukoll wieħed mill-werrieta. Issa l-Qorti tinnota li x-xerrej fuq il-kuntratt in kwistjoni kien l-attur Angelo Cini biss. Hu biss jirriżulta li huwa sid il-post skont il-kuntratt. Angelo Cini mhuwiex werriet. Hija werrieta l-attriċi li hija martu. Preżumibilment – u dan qiegħed jingħad għall-fini ta' dan il-provvediment biss, anke għax ma nġiebet l-ebda prova fir-rigward – hija komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti flimkien ma' żewġha u allura jista' jkollha sehem mill-post in kwistjoni. B'danakollu, l-Qorti għandha dubju kemm tista' titqies bħala kreditriċi hija wkoll. Jista' jkun għalhekk li hawn għandna kreditur barrani biss. Fl-aħjar ipotesi għal Rita Law għandna kreditur barrani u kreditur-ko-eredi.

**Meta kreditur ikun ko-werriet:**

Il-liġi tagħna m'għandhiex norma espressa ekwivalenti għat-tieni paragrafu tal-Art. 754 Taljan suċċitat, li jpoġġi fuq kreditur ko-eredi fl-istess keffa ta' kwalsiasi kreditur ieħor:

> E` opinione diffusa che il 2 co. equipari il coerede creditore (ipotecario o meno) a qualsiasi altro creditore (ipotecario o meno): **la parte di debito a lui imputabile** (ex art 752) **si estingue per confusione.** (Sul punto v. Cotcelli, Comunione Ereditaria in Palazzo-Sassi, Tr. Succ., I.803s).[10]

[10] G Cian & A Trabucchi, Commenario Breve al Codice Civile (2018) kummenti għall-Art. 754 tal-Kodiċi Ċivili Taljan.

B'danakollu, il-liġi tagħna ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn ko-werriet-kreditur u kredituri oħrajn, u, kif inhu notorju, fejn il-liġi ma tiddistingwix, l-interpretu m'għandux jiddeffes u jiddistingwi hu. Il-Qorti sabet sentenza antika (tal-1916) li ħadet din il-pożizzjoni u li sejra tiċċita.

F'**Vassallo v Micallef**[11], Carlo Micallef, wieħed minn ħames werrieta ta' Giovanna Micallef, rebaħ kawża kontra l-eredita` tal-istess Giovanna Micallef u ħareġ mandat ta' qbid kontra Maria Vassallo, waħda mill-ħamest eredi l-oħra, in esekuzzjoni tas-sentenza. Il-Qorti tal-Appell qalet li seta' aġixxa kontra l-eredita` għad-dejn kollu. B'danakollu, billi għażel li jaġixxi kontra Maria Vassallo, seta' joħroġ il-mandat tal-qbid għar-rigward tal-kwint (1/5) tad-debitu. Huwa stess, bħala eredi, kellu jsofri kwint tal-ispejjeż tal-kawża li kien rebaħ hu stess bl-ispejjeż a kariku tal-eredita`. B'liġi espressa, id-djun tal-eredita` jinqasmu bejn il-werrieta skont il-kwota tagħhom u mhumiex responsabbli solidarjament. Interessanti wkoll li l-Qorti qalet li Carlo Micallef seta' jaġixxi direttament kontra Maria Vassallo minkejja li kienet aċċettat il-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju.

Jidher għalhekk li m'hemmx bżonn li l-ġudizzju jiġi trafuż f'isem il-werrieta kollha.

[11] Maria Vassallo v Carlo Micallef 24.01.1916 Qorti tal-Appell XXIII.i.9.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talba u tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju f’isem Rita Law.

Spejjeż ta’ dan il-provvediment jibqa’ mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Moqri waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA